MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Numru 610/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Dylan Demanuele**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 273993M, akkuzat talli nhar it-22 ta'Frar 2010 ghal-habta ta' 20.00hrs fi Triq ir-Regimenti Maltin fl-Mtrefa, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi ghamel hsara f' kamra propjeta' tal-Gvern ta' Malta u kif ukoll hsara fuq meter tad-dawl propjeta' tal-Korporazzjoni Enemalta billi qabbad nirien fl-istess kamra, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn €116.34 izda mhux izjed minn €1,164.69.**

**Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.**

**Semghet l-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.**

**Rat l-atti u d-dokumenti kollha.**

**Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.**

**Ikkonsidrat dwar il-piena: li kienet tkun aktar konfacjenti ma' x'ikkawza l-hsara li l-imputat jigi akkuzat bi hruq involontarju skond id-dispost tal-Artikolu 328(d); madanakollu konsiderat l-eta' tieghu, l-fedina penali netta u l-fatt mhux priv ta' rilevanza li l-kamra li hadet in-nar kienet fl-imwarrab zdingata u abbandunata, piena karcerarja certament mhux f'lokha.**

**Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 325(b) tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.**

**Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------